

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett

Talba għall-annullament tar-rifjut ta' ħlas ta' kumpens għal-dannu li huwa allegatament sofra minħabba rtirar mhux volontarju tar-rikorrent flimkien ma' talba għad-danni.

Dispożittiv

- (1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.
- (2) L. Marcuccio għandu jbatis l-ispejjeż tiegħu.

**Rikors ippreżentat fl-24 ta' Settembru 2013 — ZZ vs
Il-Kummissjoni**

(Kawża F-101/12)

(2013/C 147/69)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentanti: D. Abreu Caldas, A. Coolen, J.-N. Louis, E. Marchal u S. Orlandi, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett

Annnullament tad-deċiżjoni li tiġi rtirata l-offerta ta' trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni aċċettata mir-rikorrent u li tiġi ssostwita b'oħra, ikkalkolata fuq il-bażi tad-DGI il-ġodda

Talbiet tar-rikorrent

- jiddikjara illegali l-Artikolu 9 tad-dispożizzjonijiet ġeneralista' implementazzjoni tal-Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal;
- jannulla d-deċiżjoni tal-21 ta' Ġunju 2011 li tannulla u tissostitwixxi l-offerta ta' trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni aċċettata fit-28 ta' Lulju 2010;
- jannulla d-deċiżjoni tal-21 ta' Ġunju 2011 li għażiex għat-talba għat-trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni tar-rikorrent jiġu

applikati l-parametri stabbiliti fid-dispożizzjonijiet ġeneralista' implementazzjoni tal-Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal tat-3 ta' Marzu 2011;

- jikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fit-13 ta' Diċembru 2013 — ZZ vs
Il-Parlament**

(Kawża F-150/12)

(2013/C 147/70)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: G. Maximini, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-konvenut li jirrifjuta lir-rikorrent parti mill-allowance għall-installazzjoni mill-ġdid kif ukoll ir-imbors ta' ċerti spejjeż tal-ivvjaġġar.

Talbiet tar-rikorrent

- tannulla d-deċiżjoni tad-29 ta' Marzu 2012 sa fejn il-konvenut jirrifjuta li jħallas lir-rikorrent it-tieni nofs tal-allowance għall-installazzjoni mill-ġdid tal-Artikolu 6 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll li jirrimborsah l-ispejjeż kollha tal-ivvjaġġar fis-sens tal-Artikolu 7 tal-istess anness.
- tilikkundanna lill-konvenut iħallas lir-rikorrent it-tieni nofs tal-allowance għall-installazzjoni mill-ġdid, li jirrapreżenta xahar supplimentari ta' remunerazzjoni, kif ukoll l-ispejjeż kollha tal-ivvjaġġar sal-post tal-oriġini tiegħu minħabba l-fatt li huwa temm definittivament il-funzjonijiet tiegħu firrigward tiegħu, ta' martu u tat-tifel tiegħu, li għandu diżabiltà serja u li joqgħod miegħu.
- tilikkundanna lill-konvenut ibati l-ispejjeż tal-proċeduri u l-ispejjeż kollha li ġew neċċessarjament inkorsi mir-rikorrent.